MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2007

Numru 715/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**XYZ**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha XYZ, bint A u B imwielda C, imwielda Pieta’ fit-XXX, li toqghod gewwa D u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru E giet akkuzata talli:

Fil-Hamrun u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fil-15 ta’ April 2006, bi hsieb li taghmel delitt u cioe’ li b’medicini

jew b'kull mezz iehor, tikkaguna abort fuqha innifisha, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. LC3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata fl-ezami taghha wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija u li l-imputata ghandha fedina penali netta. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi dan il-kaz kien kaz sfortunat hafna f'cirkostanzi fejn f'mument ta' paniku l-imputata ghamlet tentattiv ta' abort u li meta l-imputata ghamlet dan il-gest disperat minhabba cirkostanzi ta' problemi domestici u personali, l-imputata mill-ewwel irrealizzat l-izball li kienet qeghda taghmel u marret l-Isptar San Luqa u fil-fatt it-tarbija giet salvata u llum l-imputata qeghda trabbi it-tarbija b'mod responsabbli bhala *single mother* u qeghda tigi assistita minn huha u dawn ic-cirkostanzi jimmilitaw favur l-imputata. Ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni hi tal-fehma li f'dan il-kaz il-Qorti ghandha tikkunsidra li tapplika l-Provvediment tal-art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr. Jose' Herrera ghall-imputata iddikjara li jaderixxi ruhu pjenament ma' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputata l-artikoli 41(1)(a) u 241 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata XYZ, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u in via eccezzjonali fid-dawl ta' tali cirkostanzi tillibera lill-istess imputata XYZ taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata XYZ l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------